# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 25 ta' Frar 2016

Rikors Guramentat Nru. 44 / 09RGM

Kawza fil-lista:

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fit-tlettax (13) ta' Jannar tal-elf, disa mija, u disghin (1990) kif jidher mic-certifikat taz-zwieg, u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal Charlotte 18-il sena, Abigail ta' 14-il sena, Jeremias ta' 9 snin u Mattia ta' 3 snin;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tfarrket irremedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-intimat fosthom adulterju, perverzjoni sesswali, sevizzi, minacci, vjolenza, eccessi u ingurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti u inkompatibilita ta' karattru bejn il-partijiet;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata b'digriet ta' din il-Qorti numru sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali;

Jghid l-intimat C B ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-partijiet bi htija unikament tal-intimat minhabba ir-ragunijiet fuq premessi;

Tafda lir-rikorrenti l-kura u kustodja tat-tliet ulied minuri, Abigail, Jeremias u Mattia;

Tiffissa u tordna li l-intimat ihallas ghat-tfal u ghar-rikorrenti manteniment xieraq kif jidrilha din l-Onorabbli Qorti u li tali manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-'employer' tal-intimat u/jew minn kull 'employer' futur tieghu;

Tikkundannah sabiex jikkonsenja lir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha li kienu jappartjenu lilha qabel iz-zwieg, u fin-nuqqas jigi kkundannat jhallas lir-rikorrenti l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominandi.

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u tapplika interament jew in parte d-diposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 55 tal-Kodici Civili;

Taqsam u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u tordna 1-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni minn Nutar nominandi fdata li tigi ffissata ghall-iskop;

Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lill-intimat C B fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiv;

Tawtorizza lir-rikorrenti tghix wahidha flimkien mal-ulied taghhom fid-dar matrimonjali Ent.35, Flat 1, Triq il-Kuncizzjoni, Imsida.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri fl-atti tal-ittra numru 130/08 quddiem dina l-Onorabbli Qorti inkluz rikorsi u risposta tar-rikorrenti, u tal-mandat ta' deskrizzjoni pprezentat kontestwalment kontra l-intimat C B li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B li taqra kif gej:-

1. Illi ghalkemm l-esponenti jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u li ghandha tigi pronunzjata l-firda personali, huwa pero' jeccepixxi illi r-ragunijiet ghal dan huma imputabbli unikament ghall-attrici apparti mill-fatt li kien hemm inkompatibilta' ta' karattru bejn il-kontendenti. Dan kollu ser jirrizulta waqt il-kors tal-kawza u kif mitlub mill-eccipjenti fil-kontro-talba tieghu.

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, l-eccipjenti ssostni illi fic-cirkostanzi tal-kaz, il-kura u kustodja legali tal-minuri ghandha tigi fdata f’idejn l-esponenti li diga' ghandu lit-tifla Charlotte tabita mieghu.

3. Illi t-tielet talba hija opposta. Illi fl-ewwel lok qed jigi eccepit li r-rikorrenti bl-agir taghha hija ddekadiet mid-dritt ta' manteniment minghand zewgha. Illi ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tat-tliet minuri, l-eccipjenti prezentement jinsab disimpjegat u huwa qieghed fuq assistenza socjali. Illi mill-ftit li huwa ghandu mill-assistenza socjali hu lest li jassisti lill-uliedu u huwa ukoll fil-possibilta li jiehu hsiebhom hu.

4. Illi b'riferenza ghar-raba' talba l-esponenti jirrileva li r-rikorrenti gia giet akkumpanjata mill-pulizija d-dar matrimonjali sabiex tigbor il-beni parafernali w personali taghha u fil-fatt anki hadet maghha affarijiet li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti.

5. Illi l-hames talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti w s-sitt talba ghall-likwidazzjoni ta' l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet u l-assenjazzjoni ta' wahda minnhom lil kull parti ma humiiex opposti b'dana pero' illi ghandu jigi kkunsidrat illi kienet l-istess attrici li gabet u hija hatja tat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg u illi t-talba tar-rikorrenti li jigu applikata fil-konfront tal-esponenti 1-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 55 tal-Kodici Civili ghandha tigi michuda u dan peress li l-esponenti m’huwiex hati tal-firda.

6. Illi t-tmien talba hija opposta stante illi l-eccipjenti qatt ma ta lok ghad-dekadenza mitlub, anzi kienet l-attrici, kif inghad li b'ghemilha gabet it-tifrik tal-hajja mizzewwga.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi l-kontendenti zzewwgu fit-tlettax (13) ta' Jannar elf, disa mija, u disghin (1990) u f'dan iz-zwieg twieldu erbat itfal Charlotte ta' 18-il sena, Abigail ta' 14-il sena, Jeremias ta' 9 snin u Mattia ta' 3 snin.

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tfarket irremedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti rikonvenuta fosthom abbandun, adulterju, sevizzi, minacci, eccessi u inguri gravi fil-konfront tal-intimat u inkompatibilita ta' karattru bejn il-partijiet;

Illi minhabba t-tortijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti, ir-rikorrenti rikonvenuta ddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment minghand l-intimat;

Illi minhabba l-imsemmija tortijiet tar-rikorrenti rikonvenuta, ghandhom ukoll jkunu applikati kontra taghha d-dekadenzi l-ohra kontemplati fil-Kodici Civili.

Illi fl-ahjar interess tal-minuri l-intimat jixtieq li l-kura w l-kustodja tat-tfal tkun fdata f'idejn il-missier.

Illi l-intimat jixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu tigi xolta u likwidata bl-applikazzjoni kontra r-rikorrenti rikonvenuta tad-dispozizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili.

Illi l-intimat qed jistitwixxi din l-istanza bis-sahha ta' l-awtorizzazzjoni ottenuta minn martu fis-16 ta' Gunju 2008.

Tghid ghalhekk r-rikorrenti rikonvenuta ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

Tiddikjara s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-partijiet bi htija unikament tar-rikorrenti rikonvenuta fosthom adulterju, sevizzi, minacci, eccessi u inguri gravi kif ukoll ta' abbandun rnid-dar matrimonjali.

Tafda lill-intimat il-kura w l-kustodja ta' uliedu minuri.

Tiffissa u tordna lir-rikorrenti rikonvenuta, thallas ghat-tfal u ghar-rikorrenti manteniment xieraq kif jidhrilha din l-Onorabbli Qorti u f'kaz li tahdem jitnaqqas direttament mill-employer tar-rikorrenti rikonvenuta.

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u tapplika interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 55 tal-Kodici Civili kontra ir-rikorrenti rikonvenuta.

Taqsam u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwsiti taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni minn Nutar nominandi f'data li tigi fissata ghal dan l-iskop;

Tawtorizza lill-intimat jghix wahdu flimkien mal-ulied taghhom fid-dar matrimonjali Ent.35, Flat 1, Triq il-Kuncizzjoni, Msida.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-28 ta’ April 2010 fejn il-Qorti ordnat li r-rapport ta’ Illona Conti mill-Agenzija Appogg jkun temporanjament issiggillat u jkun accessibbli biss lill-Qorti; fl-istess seduta, b’effett immedjat, il-Qorti ordnat li l-missier ikollu access ghat-tfal minuri fil-bini tal-Agenzija Appogg, fil-presenza ta’ rappresentant tal-Agenzija, kull nhar ta’ Hamis bejn il-5 pm u s-7 pm;

Rat ix-xhieda ta’ Ilona Conti li xehdet fl-istess seduta;

Rat n-nota tal-Agenzija Appoggipprezentata fil-11 ta' Mejju 2010;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju 2010 fejn Dottor Fiorella DeMarco ghall-konvenut ippresentat diary u notamenti b'kitba allegatament tal-minuri Abigail u gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Giudizzjarju. Il-Qorti kellmet lill-minuri Abigail B kameralment;

Rat ix-xhieda ta' Charlotte B, li xehdet fl-istess seduta;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 2010 fejn il-Qorti akkordat lill-missier saghtejn ohra ulterjuri fil-gimgha fl-access li kellu jsir taht l-istess kondizzjonijiet gja' stabbiliti;

Rat ix-xhieda ta' Abigail B li xehedet fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2010;

Rat x-xhieda tal-attrici li xehedet fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2010 u f'dik tal-31 ta' Jannar 2011, mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-Ispettur Louise Calleja u ta' Ilona Mercieca li xehedu fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2011 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju;

Rat in-nota tal-attrici, pprezentata fis-seduta tal-10 ta'Ottubru 2011 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju fejn elenkat lista ta' affarjiet li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u li hi halliet fid-dar matrimonjali Entrance 35, Flat 1, Triq il-Kuncizzjoni, Msida;

Rat ix-xhieda ta' Brian Farrugia ghall-Transport Malta, tal-attrici, ta' Raphael Borg, ta' Mary Cassar u ta' WPC 25 Charlene Cilia li xehedu fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012;

Rat ix-xhieda ta' Monique Cassar li xehedet fis-seduta tas-27 ta' Frar 2013 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2014 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju fejn gie verballizzat li saru diversi seduti ghall-provi tal-konvenut, izda dan qatt ma deher minnkejja li kien gie debitament notifikat bis-seduti skond l-avvizi markati Dok L sa Dok O;

Rat li l-partijiet ma pprezentawx nota ta' osservazzjonijiet fit-termini moghtija mill-Qorti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**IL-PROVI.**

Fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2010 xehedet **Charlotte B**, bint il-partijiet. Hi ddikjarat li ghandha 19 il-sena, tahdem part time mal-Gvern u tghix ma' missierha. Hi qalet li minn dejjem ghixhet ma missierha, li ma kienx hemm inkwiet, ma kienx jirrabbja u qatt ma sawwatha. Hi qalet li ommha kienet tikkastigaha, darba lilha u lill-ohtha sakkrithom gurnata shiha go karma minnghajr ikel u 'b'barmil biss'. Iddikjarat li ohtha, Abigail kienet taqla' l-inkwiet meta kienet tigi ghand missierha billi kienet toqghod titkellem mal-guvintur bil-computer fuq l-MSN. Hi qalet li ohtha kienet marret tghix maghhom meta ommhom marret ma' ragel iehor.

**Abigail B**, bint il-partijiet xehdet fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2010. Hi ddikjarat li kellha 15 il-sena u li kienet ilha sentejn tghix ma' ommha, cioe' wara li kienu sseparaw. Meta kienet ma' ommha, ma kienitx thalliha tohrog sa certi hinijiet u ghalhekk kienu jiggieldu, hi kellha 12 il-sena. Marret ghand missierha, ghall-ewwel ma kienx hemm inkwiet, izda billi kien jghajjat u jidghi telqet minn ma' missierha. Hi qalet li hu kien jerfa idejh fuq ohtha, Charlotte. Darba qasam squeezer fuqha u marret tixtri iehor hi stess. Hi kkonfermat li l-konvenut kien jaghajjat u jidghi "Jghajjat u jidghi hafna, jivvintah id-dagha kien". Harbet mid-dar mit-tieqa l-ghada li kien xtralha xi hwejjeg, kienet ghamlet xi sena mieghu. Meta marret ghand ommha kellha 13 il-sena u qalet li l-hajja ma ommha kienet tajba hafna.

Mistoqsija mill-Qorti jekk xtaqitx tiltaqa' ma missierha, irrispondiet li ma rieditx ghax ma thosshiex komda. Hi qalet li minn dejjem kien jissawatha, u kienet taghamillu r-rapporti. Kien hemm zmien  meta missierhom gab wahda tfajla, Jennifer tghix maghhom, u din kienet qalet lilha u lill-ohtha li kellha tifla minn missierhom u uriethom ritratt. Hi ddikjarat li meta l-partijiet kienu ghadhom jikkoabitaw missierhom kien jsawwat lill-ommhom, kien jinsisti maghha biex kull nhar ta' Sibt jmorru Paceville u kien jixtrilha hwejjeg qosra. Hi kienet taghmel kollox li jghid hu ghax kienet tibza minnu. Kkonfermat li ma' Jennifer missierha kien jorqod fl-istess sodda. Fuq domanda tal-Qorti jekk tafx ghalhiex kien il-habs, irrispondhiet li tahseb fuq prostituzzjoni. Hi qalet li missierha kellu wkoll relazzjoni ma' certu Karen.  Lil din Karen kienet ratha taghaddi ghalih bil-karozza meta kien jmur jara lill-hutha s-subien l-Appogg. Hi qalet li kien isawwat kemm lilhom it-tfal u l-omm kienet taqbez ghalihom u tispicca taqla' id-daqqiet hi. Kkonfermat li meta kienu jghixu ma' missierhom kienu jmorru Paceville, idumu sa xi t-tlieta ta' filghodu u hu ma kienx jindahlilhom. Iddikjarat li m'a ommha jghixu hutha li huma persuni bi bzonnijiet specjali u li ommhom li tiehu hsiebhom l-hin kollu. Hi ammettiet li ommha kellha relazzjoni ma' Raphael Borg, u li kienet torqod mieghu. Hi cahdet li ommha kienet sawtitha, u li dak li kitbet kien dak li qalilha missierha biex tiktbu. Hi cahdet li ommha kienet sakkritha go karma bil-

barmil bhala toilet. Hi qalet li missierha kien jgaghalha tigdeb mentri ommha dejjem kienet tghidilha biex tghid il-verita'. Meta kienu ghadhom flimkien d-dar, ikkonfermat li l-missier kien jippreparalhom il-lunch u jwassalhom lis-skola, pero' dan ghax l-omm kienet tahdem u hu qatt ma ried jmur jahdem u dejjem kien jkun id-dar. Ix-xhud iddikjarat " Il-mummy kienet marret ma Raphael Borg ghax kien igieghla l-papa'. " Ghad-domanda ghalhiex kien jgielha irrispondiet "ghal easy money". Iddikjarat li waqt l-access ma kelmiethux, ghax ippretendiet li hu kellu jkun l-ewwel li jistaqsiha kif inhi.

L-attrici, **A B** xehedet fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2010 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju, Fol 92 et seq. Hi qalet li kellha 16 il-sena meta ltaqghet mar-ragel, kienu jkunu group, hi ma' huwha u l-konvenut ma' shabu, bdew johorgu flimkien u wara xi sena u disa' xhur izzewgu. Harget tqila qabel iz-zwieg, kellha 18 il-sena u meta izzewget kellha tlett xhur tqala. Meta izzewgu ir-ragel kien jahdem l-MDP tal-halib, wara ftit xhur nqabghad ibaghbas il-punch card u tkecca. Dahal mal-Group 4, wara ftit xhur tkecca ghax kien fis-sakra, mhux fuq xogholu u bla uniformi. Izzewgu fit-13 ta' Jannar 1990 u l-inkwiet beda fin-1992. Irrakkontat incident meta gew lura minn tieg, kienu xorbu, qalilha biex torqod u wara gabilha ragel iehor u kellha x'taqsam maghhom it-tnejn, ghalkemm qalet li kienet bdiet tikbi ghax ma riedietx. Qalilha li dan ir-ragel kien minn Hal-Balzan u kien bisexual. Wara xi zmien kellha ikla tax-xoghol f'zmien il-Milied, meta rritornat id-dar , waddabha fuq is-sodda u pprova jivgaghha, bdiet tikbi, qallha li trid taghmel dak li jghid hu bil-fors. Hadha bil-karozza fil-kantuniera ta' Ganu Street fejn il-Vodafone, Birkirkara. Waqaf ragel, marret mieghu fi flat, rega' wassalha fl-istess post, kien ta' £M20 u il-konvenut hadhomlha. Xhedet li kienet tibkilu ghax ma rieditx u ghax ma kienitx ta' hekk, u wara beda johodha il-Gzira, u l-flus li kienet taqla' kien johodomlha. Din damet ghadejja ghal ftit xhur. Kien jwassalha hu ghall-prostituzzjoni, wara beda jgibilha rgiel indjani d-dar. Dawn kienu jhallsu lilu. Meta kienet tirrifjuta "jaqbad jidghi dagha nvasat. Kien jaghatini bil-ponn u bil-harta go darhi. Anke snieni kissirli. Jiena ma riedx nibqa hekk u tlaqt mid-dar". Dan kien fit-2003 marret ix-Xelter St Venera. Kien iccempillha jghidilha li ser jinbidel, li taghtih cans iehor u mar jaghmel kors tal-irgiel l-Appogg. Hi qalet li telqet mid-dar erba' darbiet. Fil-bidu li rritornat id-dar kien joqghod bi kwietu, pero' wara ried bil-fors li tmur Paceville. Beda johoda il-Havana, igaghalha tixrob xi 12 il-krokk (shooters) Vodka, kienet trid tmur id-dar, u hu kien jinsisti li tizfen ma' rgiel ohra.. Kien johodha fi flat San Pawl il-Bahar jew tas-Sliema, u jikkostringiha jkollha x'taqsam mieghu u ragel iehor 'threesome', u 'gieli kien jkun hemm hamest irgiel'. Kien jkollha x'taqsam ma' dawn l-irgiel kollha u wara kien jkollu x'jaqsam hu maghha. Dawn l-irgiel kienu jhallsu lilu. Hi tghid li din l-affari baqghet sejra sakemm harget tqila b'Matthias. Ir-ragel kien jiltaqa' ma wiehed il-Havana, Kingsley Wilcox li kien Nigerjan. Kien hadha fi flat Hal-Luqa u kellhom x'jaqsmu it-tlieta. Wara 'din l-affair twieled Matthias li fil-fatt hu kulurit. Dan kien fis-sena 2004, u Matthias twieled fit-2005. Wara ghamlet intervent, 'tubilisation' biex ma jkollhiex aktar tfal. Kemm l-ewwel tifel taghha,

Jeremias, kif ukoll Matthias, isofru minn Muscular Distrophy. Meta twieled Matthias kienet ghadha mieghu, u hajjithom baqghet l-istess, jaghtiha cans tirkupra, wara jibda jidghi dagha invasat, u kien jkollha tmur ghall-prostituzzjoni. Fiz-zmien li xehedet zewgha kien ghaddej kompilazzjoni.. Wara li twieled Matthias, ghamlu xi sena u nofs flimkien, regghet telqitu u marret tghix ma' Raphael, li hu l-partner taghha. Hi qalet ma' dan Raphael ltaqghu mieghu il-Havana, zewgha f'zewg okkasjonijiet differenti kien stieden lil Raphael biex jkollu x'jaqsam maghha, izda dan irrifjuta. F'okkazzjoni ohra wara li xorbu hafna, Raphael accetta, hi kienet fis-sakkra u marru ghandu f'dar f'Bormla. Kellha x'taqsam maghhom it-tnejn separatament. Qalet li zewgha wara li kien hadha xi tmien darbiet ghand Raphael, ried jaqta' minn mieghu. Hi kienet ammettiet ma' Raphael li C kien zewgha,u li kellha erba ti tfal. Fis-sena 2007 marret l-Ghabex bl-ghajnuna ta' Raphael li kien kera karozza. Hemmhekk ghamlet tlett gimghat, pero' billi l-kondizzjoni ta' sahha ta' Jeremias u ta' Matthias iggravat, t-tfal ma setghux jibqghu jghixu hemm u marret tghix ma' Raphael.

Fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2011 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju, l-attrici kkonfermat li ma setghetx tibqa tghix f'dik il-hajja mal-konvenut u ghalhekk marret tirrisjedi ma' Raphael, hi qatt ma riedet prostituzzjoni u rgiel ohra. Kkonfermat li ghamlet rapport lill-Pulizzija dwar il-prostituzzjoni, u li kien hemm proceduri ghaddejjin. Ikkonfermat li zewgha qatt ma kien jaghatiha manteniment, la ghaliha u l-anqas ghat-tfal, li t-tifel Jeremias ghandu 11 il-sena u qieghed f'wheelchair billi ma jistax jimxi. Hi tiehu lit-tfal ghat-terapija u l-kura u r-ragel qatt ma jghinha. Kien jwassalha sal-bieb tal-isptar, l-ahhar darba meta Jeremias kellu 5 snin cioe' sitt snin qabel. Hi qalet li ghall-access ma setax jibqa' jmur ghax kien qed ibaghti, u li xtrwalha wheelchair l-Assocjazzjoni tal-Muscular Distrophy. Issuggerit li l-access mal-missier jibda jsir il-Birgu izda il-konvenut ma accettax. Hi ddikjarat li tircevi l-ghajnuna socjali, u li ma tahdimx billi hi full time mat-tfal. Hi ddikjarat li d-dar matrimonjali, Entrance 35, Flat 1, Triq il-Kuncizzjoni, Msida hi propjeta' tal-Gvern. Il-kcina kienet sponsored mid-Ditta Carmelo Delia, u kellha xi ghamara li kienet gabhet mid-dar fejn kienu qabel f'Ganu Street, Birkirkara.

L-attrici, kompliet tixhed fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2011. Hi kkonfermat li l-konvenut kellu relazzjoni ma' certa Jennifer u li kellu tifla minnha jisimha Kim. Qalet li meta darba marret id-dar l-Msida sabitha hemm u ammettiet li kienet is-siehba ta' C. Hi esebit ittra li C kiteb lil Jenifer. Ikkonfermat li barra Jenifer zewgha kellu mara ohra jisimha Karen Zouali. Kellha incident maghha fl-okkazzjoni tal-access ghand l-Appogg, izda anke wara dan l-incident baqghet tmur billi kienet twassal lil C.

Fis-seduta tat-30 ta' mejju 2011, mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju, xehedet li-Spettur tal-Pulizzija Louise Calleja. Hi kkonfermat li l-attrici fil-5 ta' Awissu 2007 ghamlet rapport kontra zewgha dwar l-abbuzi tieghu fuqha u li kien jehdilha

l-irgiel biex jkollha x'taqsam maghhom sesswalment. Inhareg mandat ta' arrest u tficcija fil-konfront ta' C B, saru konfronti fid-Depot tal-Pulizzija u sussegwentement l-konvenut tressaq il-Qorti. Raphael Borg u Kingsley Wilcocks li kkofermaw dak rapportat mill-attrici. Ix-xhud qalet li l-attrici kienet qaltilha li Raphael Borg, kien offrilha li jghinha tohrog minn dak l-ambjent li kienet fih id-dar u li wara bdiet relazzjoni mieghu.

Fl-istess seduta xehedet **Ilona Mercieca**, Social Worker fl-Agenzija Appogg. Hi kkonfermat li lit-tfal kienet rathom tlett snin u nofs qabel u taf li biz-zmien billi Jeremiahs u Matthias ibaghatu bil-Muscular Distrophy il-kondizzjoni taghhom tiddeterjora. It-tfal kellhom relazzjoni tajba hafna mal-omm, u kienu l-aktar kuntententi meta jkunu maghha. It-tifla il-kbira, Charlotte kienet ser taghalaq 18 il-sena u kienet qaltilha li tixtieq tibqa' tghix ma missierha. Ma lmentatx fuq missierha. It-tifla, Abigail kienet qed tghix ma' missierha u qaltilha li kienet tippreferixxi li tghix ma' ommha.

Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2011 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju, l-attrici pprezentat lista ta' oggetti li jippartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti li hallhiet fid-dar matrimonjali fl-Msida.

Fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju, xehed **Brian Farrugia** ghal Transport Malta li kkonferma li karozza wahda tirrizulta registrata f'isem il-konvenut Daewoo Racer Numru FAP215. Il-vetturi l-ohra, DAJ 509 Rover, JAP 026 Austin Mini u IAD 207 Talbot Horizon ma ghadhomx registrati fuq ismu minn 1996 jew 1997.

Fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju, l-attrici ppresentat estratt minn gazzetta lokali li irrapporta "Mixli li kkorrompa tifla ta'erbatax il-sena filmati ta' attivita' sesswali ma' minuri fuq mobile tal-akkuzat" li jikkoncerna lill-konvenut.

Fl-istess seduta xehed **Raphael Borg**, li kkonferma li kien ltaqa' mal-konvenut f'bar f'Paceville u dan kien stiednu biex jmorru ma' tfajla. Hu kien irrifjuta pero' wara xi tlett gimghat billi kien xurban accetta. Hu ammetta li marru id-dar tieghu u kellhom x'jaqsmu, threesome. Hi kienet tkun liebsa skullat b'xi hames rgiel suwed mdawrin maghha. Marru xi tmien darbiet d-dar tieghu, u beda jikkomunika mal-attrici bil-mobile u bl-SMS, kienet qaltlu li kellha it-tfal bi bzonnijiet specjali u li kienet mizzewga. Hu kkonferma li kera karozza biex titlaq mid-dar u tmur l-Ghabex. Hu ddikjara "kont sirt bdejt inhobbha" u thassarha u hass li kellha bzonn l-ghajnuna, billi qaltlu li kien isawwat lilha u lit-tfal u li kien jipprostitwiha. Hu ikkonferma li kienu qed jghixu flimkien, u kien jghinha fit-tfal, li kien jittratthom daqs li kienu uliedhu. Ilhom jikkoabitaw ghal dawn l-ahhar snin.

Xehedhet ukoll f'din is-seduta, **Mary Cassar**, omm l-attrici, li kkonfermat li l-konvenut kien vjolenti mal-attrici u li f'okkazzjoni minnhom kien kissrilha sninha ghax ma riedhiex tmur ghand ommha. Hi kkonfermat li kien qed jipprostitwiha, marret hi stess il-Havana f' Paceville fejn ratha liebsa kwazi bla hwejjeg u xurbana. Meta qaltilha biex ma tohrogx liebsa hekk irrispondhiet li hu hekk ried u li kienet tibza minnu. Hu kien jkollu il-mobile f'idu jikkuntattja in-nies. Kien jsawwatha u jidghi dagha fahxi. Hi kkonfermat li meta l-minuri kellha xi sena u nofs ixxuttjaha bhal ballun tal-football. Ikkonfermat li l-attrici marret f'shelter f'Santa Venera billi kienet msawta u mahqura. Ikkonkludiet billi kkonfermat li l-attrici bintha ghandha erbat itfal zewgt ibniet u zewg subien li it-tnejn ibaghatu mill-Muscular Distrophy, u li tiehu hsibhom hi, tipprovdilhom il-kura necessarja u taghmel kollox ghalihom.

Fl-istess seduta xehedet il-**WPC 25 Charlene Cilia** li kkonfermat li l-attrici kienet ghamlet ir-rapport maghha, u li wara l-kaz tmexxa mill-Ispettur Louise Calleja.

Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2013 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju, xehedet **Monique Cassar,** oht l-attrici, li kkonfermat li ghamlet xi sena u nofs tghix bieb ma' bieb ma' ohtha  li kienet tisma' twerziq u ghajjat taghha u tat-tfal u l-kliem hazin hafna tieghu. L-attrici kienet qaltilha li l-konvenut kien qed isawwat lilha u lit-tfal u kien qed iqabbadha l-hajja tal-prostituzzjoni. Hi ddecidhiet li tghinha tahrab mid-dar, izda l-attrici kienet qaltilha li jekk ma kienitx tmur ghall-prostituzzjoni kien "iddamdamha bid-daqqiet u jsawwat anke lit-tfal". Kienet ghinietha biex tahrab u tmur l-ghabex ta' Santa Venera.  Peress li l-konvenut weghdha li jsib impieg u li ser jinbidel marret lura d-dar, izda l-hajja marret ghal-aghar.  Regghet harget tqila bil-prostituzzjoni, billi it-tifel hu ta' karnaggjon skur. Ix-xhud indunat li kien qed iqabbadha din il-hajja billi darba marret maghhom f'hanut f'Bay Street u kien qed jixtrilha hwejjeg tal-pole dancers. Hi kienet qalet lill-attrici li ma tistax tibqa' sejra b'din il-hajja billi setghet tiehu xi infezzjoni u ma tkunx tista' tiehu hsieb it-tfal. Regghet ghinietha biex tahrab u tmur l-Ghabex u kkonfermat li Raphael Borg, li kien laqaghha  mieghu zewgha, thassarha u ghinha anke finanzjarjament. Kien anke jipprotegijha minn zewgha li kienet titwerwer minnu.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar il-Firda Personali applikabbli ghall-kawza odjerna huma s-segwenti:-

**Artikolu 38 tal-Kap 16** :

"Kull parti tista titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra".

**Artikolu 40**:

“Kull wahda mill-persuni mizzewga flimkien tista titlob il-firda minhabba eccessi,mohqrija,theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur,jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu,  jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment”.

**Artikolu 44**:

“Il-fatt li ikun hemm ragunijiet li ghalihom sew ir-ragel kemm il-mara jistghu jitolbu l-firda, mhux ta’ xkiel ghall-wiehed jew ghall-ohra li jitolbu il-firda kontra xulxin”.
Il-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew il-mara jaghti lok ghall-firda huma elenkati fl-**Artikolu 48** :

(1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun il-hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 38 u 41 titlef-
(a) Il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631,633,825,826 u 827;
(b) Dak kollu li  tkun kisbet mill-parti l-ohra b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;
(c) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għallfinijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) Il-jedd li iggiehel lill-parti l-ohra, f’kull kas,li taghtiha manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

L-Artikoli msemmija fis-sub incis (a) jirreferu ghad-drittijiet successorji bejn il-konjugi.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Rosina Micallef  vs Angelo Micallef**  deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Gunju 1964 :

“L-adulterju jista’ jigi ppruvat permezz ta’ indagini u presunzjonijiet, purche’ dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b’mod li ma jhallu ebda dubbju f’min ghandu jiggudika.  Huwa sufficjenti li tirrizulta wahda biss mill-kawzali elenkati mill-ligi sabiex jinghata lok ghas-separazzjoni personali.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Edwards  vs  Avv Dottor Joseph H Xuereb noe** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Frar 1961 gie dikjarat illi:

“Darba ippruvat l-adulterju tal-konjugi konvenut, il-Qorti m’ghandhiex bzonn tidhol f’motivi ohra ta’ separazzjoni dedotti fic-citazzjoni.:

**RESPONSABILITA’ GHAT-TIFRIK TAZ-ZWIEG.**

Irrizulta abbondantement mill-provi li ghall-attrici l-hajja matrimonjali kienet wahda mizghuda b’abbuz gravi da parti ta’ zewgha l-konvenut. Mhux biss kien jabbuzzaha fizikament izda addirittura kien jikkostringiha tipprostitwixxi ruhha fil-presenza tieghu. L-attrici xehedet fid-dettal dwar dan. Irrizulta li l-konvenut ma kienx jahdem u kien jghix minn fuq il-gwadann illecitu mill-prostituzzjoni ta’ martu, attivita’ li apparti li tikkwalifika bhala wahda mill-aghar forom ta’ sevizzi, vjolenza, eccessi u ingurji gravi kontemplati mil-ligi tikkostitwixxi wkoll reat kriminali..Gie ppruvat sodisfacentement illi l-konvenut kien jixtrilha hwejjeg provokanti biex jintuzaw f’din l-attivita’, kien johodha f’ambjenti partikolari fejn kien jkun hemm irgiel interessati, kien igghalha tixroh hafna xorb alkoholiku sabiex ikun aktar facli taghmel l-attivita’ li kienet qed trendi lill-konvenut ammont sostanzjali ta’flus.

Irrizulta li l-komportament tal-konvenut mal-familja tieghu kien primarjament jikkonsisti f’ghajjat u dagha, kien jerfa idejh fuq l-attrici li kienet tibza minnu tant l-harbet erba darbiet mid-dar konjugali.

Irrizulta wkoll, li l-konvenut kellu relazzjonijiet adulteri ma’ certa Jennifer li kellu tifla minnha, u kellu relazzjoni ma; mara ohra jisimha Karen.

L-attrici kkonfermat li b’konsegwenza tal-prostituzzjoni weldet tifel.

Gie sodisfacentement ippruvat li l-attrici kienet kompletament dominata mill-konvenut, fizikament u psikologikalment, u sabet ruhha f’sitwazzjoni fejn ma setghetx tirrifjuta taghmel dak li kien jordnalha zewgha kontra l-volonta’ taghha.

Fil-fehma tal-Qorti l-attrici rnexxielha tipprova sodisfacentement il-kawzali kollha minnha mressqa fir-rikors guramentat u ghalhekk qed tikkonkludi li ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet jahti unikament.

**MANTENIMENT.**

Mic-certifikat taz-zwieg, dok A Fol 4. jirrizulta li meta l-partijiet zzewgu fin-1990 l-konvenut kellu 20 sena u llum ghalhekk ghandu 46 sena. Illum tnejn mill-erbat itfal tal-partijiet huma minorenni Jeremias li ghandu sittax-il sena u Matthias li llum ghandu ghaxar snin.

Hu ammess mill-attrici li ilha is-snin f’relazzjoni ma Raphael Borg. L-istess Raphael Borg li xehed fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2012 ikkonferma li ilhom

flimkien ghal dawn l-ahhar sitt snin cioe' mis-sena 2006. F'dawn ic-cirkostanzi l-attrici m'ghandhiex dritt tippretendi manteniment minghand il-konvenut, li pero' hu obbligat jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tfal minuri. Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha rilevanti l-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment taz-zewg uliedu minuri u tillikwida l-manteniment fis-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) ghal kull wild b'effett millum.

**KURA u KUSTODJA TAL-MINURI.**

Irrizulta li t-tfal minuri, Jeremias u Matthias jghixu mal-omm. Fil-pendenza tal-kawza kien nghata provvediment dwar access limitat u kondizzjonat favur il-missier. Fil-bidu l-access kien jinzamm fil-bini tal-Agenzija Appogg; sussegwentement, billi it-tifel Jeremias spicca f'wheelchair, kien gie propost li l-access jsir Bormla, izda l-konvenut ma accettax. Fis-seduta tat-28 ta' April 2010 il-haddiema socjali **Ilona Conti** ppresentat rapport lill-Qorti. Xhedet li tokkupa l-posizzjoni ta' co-ordinator fi hdan l-Agenzija Appogg. Hi ddikjarat li dwar il-partijiet u t-tfal taghhom kienet ipprezentat rapport sentejn qabel, fit-12 ta' marzu 2008. Il-konvenut ried jara lit-tfal, l-attrici kienet qed toggezzjona billi skond hi dan kien ikun ta' dannu ghat-tfal. Hi kkonfermat li dak z-zmien it-tfal urew ix-xewqa li jaraw lill-missierhom izda ghal hin limitat, u f'post li jkun 'safe', pero' hi ma regghetx rathom minn dak iz-zmien. Hi ddikjarat li ma tafx jekk ic-cirkostanzi nbidlux, billi fl-ahhar sentejn ma ltaqghet ma hadd minnhom. F'dak iz-zmien kien rakkomandat li l-access isir taht supervision. Hi kkonkludiet li t-tifel il-kbir, Jeremias ibaghati minn Muscular Distrophy u tiddubita jekk illum jistax jimxi.

Fic-cirkostanzi difficli ta' dan il-kaz ma hux indikat li l-Qorti tordna access tal-missier versu z-zewg minuri. Tali access ghandu jinbeda biss jekk u meta jigi certifikat mill-Agenzija Appoggi illi ma jkunx ta' hsara ghaz-zewg minuri u f'kull kaz ghandu inizjalment ikun access supervizzjonat.

**KOMMUNJONI TAL-AKKWISTI.**

Id-dar matrimonjali Entrance 35, Flat 1, Triq il-Koncizzjoni, Msida hi propjeta' tal-Gvern, mikrija lill-partijiet. Ma irrizzultax li l-partijiet huma sidien ta' propjeta' immobiljari. Tenut kont li l-konvenut qed jigi misjub unikament hati ghat-tkissir taz-zwieg u tenut kont li z-zewg minuri ulied il-partijiet ghandhom jirrisjedu mal-attric il-Qorti qed tordna li t-titolu ta' lokazzjoni tal-fond matrimonjali jigi assenjat esklussivament lill-attrici b'dan li l-konvenut ghandu jizgombra mid-dar matrimonjali zmien xahar millum.

Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2011 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju l-attrici ppresentat lista ta'affarjiet li jippartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u li f'xi zmien kienu jinsabu fid-dar konjugali. Il-lista giet markata Dok VS u tinsab Fol 147 sa 149.

Il-konvenut baqa' ma xehedx f'din il-kawza.

Ghalkemm l-attrici indikat prezz ghall-kull oggett elenkat fil-lista fuq imsemmija ,la irrizulta li l-attrici pprezentat mandat ta' qbid fuq l-oggetti de quo u lanqas talbet il-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni. Jekk il-mobbli ghandhomx kollha fil-patrimonju tal-partijiet ma jirrizultax sodisfacentement. Tenut kont li tul il-kors ta' dawn il-proceduri l-konvenut ma kkontribwixxa xejn ghall-manteniment tal-minuri ulied il-partijiet, il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-manteniment tal-minuri billi l-Qorti qed tikkonsenja a favur l-attrici sehem il-konvenut mill-oggetti imsemmija.

**DECIDE.**

Ghal dawn l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet u t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, tiddikjara is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, a mensa et thoro u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tilqa' in parti t-tieni talba attrici, billi t-tifla Abigail illum saret maggiorenni, u tafda lill-attrici l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri Jeremias u Mattia;

3. Tilqa' in parti t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment favur iz-zewg subien minorenni Jeremias u Matthias l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) ghal kull minuri, li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jkompli jithallas wara li jaghqu tmintax-il sena jekk ikomplu jistudjaw full time u dan sa tlieta u ghoxrien sena;

4. Tichad ir-raba' talba attrici peress li ma rrizultaw l-ebda essa parafernali ghall-attrici.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tiddikjara xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet; tikkomina kontra l-konvenut is-sanzjonijiet fl-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili;

6. Tassenja lill-attrici sehem il-konvenut mill-mobbli kollha li jinsabu elenkati a fol. 147 , 148 u 149 u dan in sodisfazzjon tal-manteniment passat dovut lill-attrici mill-konvenut fir-rigward ta' l-ulied minuri.

7. Tichad is-seba' talba attrici.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**